A.L. 399 ta' l-2007

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2007 għall-Għażla ta' l-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju ta' l-Institute of Health Care

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Institute of Health Care bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

L-Applikabilità

1. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2007 jew wara.

L-Għażla ta' l-Applikanti

2. Kull meta l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu fl-oqsma ta' studju tan-Nursing u l-Podiatry skond l-ordinament 5 ikun limitat mis-Senat skond il-provvedimenti ta' l-ordinament 10 ta' l-Ordinamenti ta' l-2005 għall-Bachelor of Science (Honours), u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet fil-kors, l-għażla ta' l-applikanti għandha ssir skond il-kriterji mniżżla fl-ordinament 3.

Il-Kriterji għall-Għażla

3. (1) L-applikanti għall-Bachelor of Science (Honours) fil-qasam ta' studju tan-Nursing li jissodisfaw ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors kif imniżżla fl-ordinamenti għall-kors għandhom jingħataw marki skond il-kriterji li ġejjin:

(a) kwalifiki akkademiċi:

(i) l-applikanti li jiksbu marka perċentwali globali ta' bejn il-75 u l-100 fid-Diploma in Nursing Studies jew punti ekwivalenti jingħataw 45 marka;
(ii) l-applikanti li jiksbu marka perċentwali globali ta' bejn il-65 u l-74 fid-Diploma in Nursing Studies jew punti ekwivalenti jingħataw 35 marka;
(iii) l-applikanti li jiksbu marka perċentwali globali ta' bejn il-45 u l-64 fid-Diploma in Nursing Studies jew punti ekwivalenti jingħataw 25 marka;
(iv) l-applikanti li ma jkollhomx id-Diploma in Nursing Studies iżda għandhom il-kwalifika ta' Infermier/a Reġistrat/a jingħataw 20 marka;

(b) esperjenza ta' xogħol f'impieg bi qligħ f'qasam ta' l-infermieri/qwiebel:

(i) aktar minn 15-il sena esperjenza f'xogħol rilevanti jingħataw 15-il marka;
(ii) bejn 10 u 15-il sena esperjenza f'xogħol rilevanti jingħataw 10 marki;
(iii) bejn 5 u 10 snin esperjenza f'xogħol rilevanti jingħataw 8 marki;
(iv) anqas minn 5 snin esperjenza f'xogħol rilevanti jingħataw 5 marki;

(ċ) esperjenza rilevanti oħra:

(i) esperjenza ta' tagħlim u superviżjoni tingħata 5 marki;
(ii) parteċipazzjoni f'korsijiet ta' Tagħlim Professjonali tul il-Ħajja jingħataw 3 marki għal kull kors li attendew fl-aħħar sentejn sa massimu ta' 9 marki;
(iii) attendenza għal konferenzi tingħata 3 marki għal kull konferenza li attendew fl-aħħar sentejn sa massimu ta' 6 marki,

Sakemm li mhux aktar minn total ta' 10 marki jingħataw għal esperjenza rilevanti oħra;

(d) il-livell milħuq matul intervista: bejn 0 u 30 marka.

(2) L-applikanti għall-Bachelor of Science (Honours) fil-qasam ta' studji tal-Podiatry li jissodisfaw ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors kif imniżżla fl-ordinamenti għall-kors għandhom jingħataw marki skond il-kriterji li ġejjin:

(a) kwalifiki akkademiċi:

(i) l-applikanti li jiksbu marka perċentwali globali ta' bejn il-75 u l-100 fid-Diploma in Podiatry jew punti ekwivalenti jingħataw 45 marka;
(ii) l-applikanti li jiksbu marka perċentwali globali ta' bejn il-65 u l-74 fid-Diploma in Podiatry jew punti ekwivalenti jingħataw 35 marka;

(iii) l-applikanti li jiksbu marka perċentwali globali ta' bejn il-45 u l-64 fid-Diploma in Podiatry jew punti ekwivalenti jingħataw 25 marka;
(iv) l-applikanti li ma jkollhomx id-Diploma in Podiatry iżda għandhom il-kwalifika ta' Podjatra Reġistrat/a jingħataw 20 marka;

(b) esperjenza ta' xogħol f'impieg bi qligħ:

(i) aktar minn 15-il sena esperjenza f'xogħol rilevanti jingħataw 15-il-marka;
(ii) bejn 10 u 15-il sena esperjenza f'xogħol rilevanti jingħataw 10 marki;
(iii) bejn 5 u 10 snin esperjenza f'xogħol rilevanti jingħataw 8 marki;
(iv) anqas minn 5 snin esperjenza f'xogħol rilevanti jingħataw 5 marki;

(ċ) esperjenza rilevanti oħra:

(i) parteċipazzjoni f'korsijiet ta' Tagħlim Professjonali tul il-Ħajja jingħataw 3 marki għal kull kors li attendew fl-aħħar sentejn sa massimu ta' 9 marki;
(ii) attendenza għal konferenzi tingħata 3 marki għal kull konferenza li attendew fl-aħħar sentejn sa massimu ta' 6 marki,
(iii) evidenza ta' esperjenza ta' xogħol barra minn Malta fid-Diviżjoni tal-Podiatry tingħata 3 marki,

Sakemm li mhux aktar minn total ta' 10 marki jingħataw għal esperjeza rilevanti oħra;

(d) il-livell milħuq matul intervista: bejn 0 u 30 marka.